# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA

minn

G. ZARB ADAMI

Qallibt u rġajt qallibt il-karti u n-noti li għandi miġburin minn żmien għal ieħor biex nikseb aktar tagħrif minn dan li ġej dwar il-Kumitati tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti tul l-ewwel għoxrin sena ta' ħajjietha; jisgħobbija li ser issibu bosta "lacunae" jew ħafna vojt li jien ma għandix ħila nimla; nittama, għalhekk, li hawn xi ħadd li jista' jimlieh dan il-vojt. Lil dan jew dawn jien nagħmel sejħa minn qiegħ qalbi biex ma jżommux għalihom it-tagħrif li għandhom, imma jagħtuh ħalli tkun tista' tinkiteb b'aktar reqqa l-istorja tal-Akkademja tal-Malti.

Kif ġa għedt qabel, meta twaqqfet fl-14 ta' Novembru 1920, l-Għaqda ma kellhiex Statut, u sas-7 ta' Mejju 1922, meta f'Laqgħa Ġenerali tressaq u għadda Statut u saret ħatra ta' Kumitat kostitwit skond l-istess Statut, hi kellha bħala mexxejja tagħha President u Segretarju biss, li kienu l-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi u s-Sur F. Saver Caruana.

L-ewwel Kumitat kien magħmul hekk:

| | |
|---|---|
| **President Onorarju:** | L-Onor. Prof. Temi Zammit, C.M.G., M.D., D.Litt (Oxon.) |
| **President:** | Kav. Ġ. Muscat Azzopardi, P.e.P. |
| **Segretarju:** | Sur F.S. Caruana |
| **Kaxxier:** | Onor. Arturo Mifsud, M.L.A. |
| **Membri:** | Rev. Mons. Dun Karm Psaila |
| | Sur Ant. (Ninu) Cremona |
| | Sur. Ġ. Darmanin Demajo, P.L. |
| | Sur Rog. Cachia |
| | Sur Ġ. Micallef Goggi |
| | Sur G. Micallef |
| | Sur Vinc. Mifsud Bonnici |

Milli jidher, skond dan l-ewwel Statut, li kopja tiegħu jien ukoll ma stajtx insib, il-Kumitat kellu jinħatar kull sena għaliex fit-13 ta' Mejju 1923, ingħażel kumitat ġdid li kien magħmul minn:

| | |
|---|---|
| **President Onorarju:** | L-Onor. Prof. T. Zammit, C.M.G., M.M., M.D., D.Litt. (Oxon.) |
| **President:** | Kav. Ġ. Muscat Azzopardi, P.e.P. |
| **Viċi Presidenti:** | L-Onor. Senatur Mons. P. Galea, J.U.D. |
| | Dr. A.V. Laferla, LL.D. |
| | Dr. L.F. Mizzi, LL.D. |
| | Onor. Art. Mifsud, M.L.A. |
| **Segretarju:** | Sur F.S. Caruana |
| **Kaxxier:** | Sur Ġ. Darmanin Demajo, P.L. |
| **Membri:** | Rev. Mons. Dun Karm Psaila |
| | Sur Ant. Cremona |
| | Sur Rog. Cachia |
| | Sur G. Micallef Goggi |
| | Sur G. Micallef |
| | Sur V. Mifsud Bonnici |
| | Sur Ġino Muscat Azzopardi |

F'Novembru, 1926, il-Kumitat kien kostitwit hekk:

| | |
|---|---|
| **President:** | Kav. Ġ. Muscat Azzopardi, P.e.P. |
| **Viċi President:** | Sur Turu Mifsud |
| **Segretarju:** | Sur F. S. Caruana |
| **Kaxxier:** | Sur Alf. Marija Borg |
| **Membri:** | Rev. Mons. Dun Karm Psaila |
| | Sur Nin Cremona |
| | Sur G. Darmanin Demajo, P.L. |
| | Sur G. Micallef |
| | Kan. G.M. Farrugia, D.D. |

Fid-9 ta' Ġunju, 1928, kien elett dan il-Kumitat:

| | |
|---|---|
| **President:** | Rev. Mons. Dun Karm Psaila |
| **Viċi President:** | Sur Art. Mifsud |
| **Segretarju u Kaxxier:** | Sur F.S. Caruana |
| **Membri:** | Sur G. Darmanin Demajo, P.L. |
| | Sur Vinc. Mifsud Bonnici |
| | Sur Ġanni Vassallo |
| | Kan. G.M. Farrugia, D.D. |
| | Sur Ġużè Galea |

Sur Nin Cremona
Sur G. Micallef
Sur A.M. Borg
Sur G. Porsella Flores
Sur R. Briffa.

Fl-1937 il-Kumitat kien magħmul minn dawn:

| | |
|---|---|
| **President Onorarju:** | Dr. Alb. V. Laferla, LL.D. |
| **Viċi President Onorarju:** | Rev. Mons. P. Galea, J.U.D. |
| **President:** | Rev. Mons. Dun Karm Psaila |
| **Viċi President:** | Rev. Prof. P.P. Saydon, B. Litt. D.D., S.S.L. |
| **Segretarju u Kaxxier:** | Sur F.S. Caruana |
| **Membri:** | Sur Nin Cremona |
| | Kan. G.M. Farrugia, D.D. |
| | Dr. Ġ. Galea, M.D., D.P.H. |
| | Sur G. Micallef |
| | Sur G. Porsella Flores |

Fl-10 ta' Marzu, 1940, inħatar dan il-Kumitat:

| | |
|---|---|
| **Presidenti Onorarji:** | Dr. Alb. V. Laferla, LL.D., O.B.E. |
| | Prof. Dun P.P. Saydon, B. Litt., B.L. Can., D.D., S.S. Lic., |
| **Viċi President Onorarju:** | Mons. Dun Pawl Galea, J.U.D. |
| **President:** | Prof. Mons. Dun Karm Psaila |
| **Viċi President:** | Dr. Ġużè Galea, M.D., D.P.H. |
| **Segretarju:** | Sur Ġużè Chetcuti |
| **Kaxxier:** | Nutar A. Buttigieg, B.A. |
| **Membri:** | Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. |
| | Sur N. Biancardi |
| | Dr. Ġ. Bonnici, B.Sc., M.D. |
| | Patri W. Born, O.P. |
| | Sur F.S. Caruana |
| | Sur N. Cremona |
| | Sur M. Kissaun |
| | Sur Ġ. Pisani |
| | Sur Ġ. Ramsley |

Kif taraw — vojt kbir; j'alla jimtela' ma jdumx!